**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawza Nru: 195/2012**

**Illum: 30 ta' Settembru 2016**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Spiridione Zammit)**

**vs**

**Jesmond Cassar**
**(ID 509274(M))**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Jesmond Cassar ta' 36 sena, bin Emanuel u Mary Anne nee` Veneziani, imwieled Pieta` fis-7 ta' Ottubru 1974 u temporanjament, joqghod fil-Facilita` Korrettiva ta' Kordin, detentur tal-karta tal-identita` numru 509274M

Akkuzat talli fit-3 ta' Settembru 2011 ghall-habta ta' 6.30 pm, u zminijiet qabel waqt li kien fil-Facilita` Korrettiva ta' Kordin u f'dawn il-gzejjer:

1. Kellu fil-pussess tieghu d-droga herojina u kokaina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew

ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Ukoll talli b'hekk sar recidiv b'diversi sentenzi tal-Qorti, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula jew imhassra u dan ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' sejbien ta' htija, tapplika l-provvedimenti tal-Artikolu 33A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna li jithallsu l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, skond l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta' l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat ukoll illi fis-seduta tal-10 ta' Gunju 2015, il-partijiet iddikjaraw illi kienu qeghdin jezentaw lill-Qorti kif preseduta, milli terga' tisma' l-provi mismugha f'din il-kawza sa dakinhar, quddiem il-Qorti kif diversament preseduta;

Semghet lill-imputat jirregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu fl-istess seduta tal-10 ta' Gunju 2015, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur tal-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, avzatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga' lura minnha.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmula mill-imputat fir-rigward tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u fid-dawl tal-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni, il-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati ta' dawn l-imputazzjonijiet.

Illi dwar il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fedina penali ferm refrattarja tal-imputat li fiz-zmien tar-reat in kwistjoni, kienet tikkonsisti f'ben disgha u ghoxrin faccata. L-istess fedina penali tinkludi kundanni in konnessjoni ma' varji reati fosthom serq aggravat f'diversi okkazzjonijiet, pussess illegali ta' droga, hsara volontarja, pussess ta' arma tan-nar, arma regolari jew imitazzjoni ta' arma tan-nar, ingurji u theddid u sewqan minghajr licenzja u polza ta' assikurazzjoni. Dwar dawn ir-reati, l-imputat inghata pieni li jvarjaw minn pieni pekunjarji ghal sentenzi ta' prigunerija sospiza u sentenzi ta' prigunerija effettiva. L-imputat inghata wkoll liberazzjoni kundizzjonata f'seba' okkazzjonijiet, kif ukoll tqieghed taht Ordni ta' *Probation* f'okkazzjoni ohra. Ghalhekk huwa ferm evidenti illi l-imputat baqa' ma tghallimx minn dawn l-esperjenzi tieghu u dan minkejja d-diversi opportunitajiet li nghata minn dawn il-Qrati sabiex jirriforma ruhu.

Il-Qorti tqis ukoll illi l-ammissjoni tal-imputat f'dawn il-proceduri ma kinitx wahda bikrija, tant li din l-ammissjoni giet registrata minnu sentejn wara li bdew dawn il-proceduri u fi stadju meta l-prosekuzzjoni kienet diga` ressqet il-maggor parti tal-provi taghha, apparti li f'dan il-kaz, l-imputat inqabad tista' tghid *in flagrante delicto* fil-pussess ta' oggetti li jintuzaw fl-abbuz tad-droga.

Il-Qorti qieset ukoll illi l-imputat huwa recidiv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll illi ghandu japplika fil-konfront tieghu l-Artikolu 33A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Qieset ukoll illi skond ix-xhieda tal-Maggur Joseph Farrugia, matul l-ahhar sena, l-imgieba tal-imputat mal-ufficjali tal-habs gewwa d-divizjoni, kienet wahda tajba u li jidher illi la darba jigu decizi l-kawzi li l-imputat ghandu pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali, huwa jista' jibda jigi kkunsidrat, mill-Bord tal-Habs, sabiex isegwi programm ta' rijabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet 4 u 6, l-Artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02 u l-Artikoli 31, 33A, 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, qed issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet

migjuba fil-konfront tieghu, u tikkundannah ghall-**piena ta' seba' (7) xhur priguneriја effettiva**.

Il-Qorti tordna lill-hati jhallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti nominati fil-kors tal-inkjesta a tenur tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ossia is-somma ta' mija, erbgha u tmenin Euro u tmienja u tletin centezmu (€184.38) in konnessjoni mar-relazzjoni esebita mix-Xjenzat Godwin Sammut, is-somma ta' wiehed u erbghin Euro u wiehed u tletin centezmu (€41.31), in konnessjoni mar-relazzjoni tas-*Scene of the Crime Officer* PS 122 Arthur Borg u s-somma ta' hamsa u ghoxrin Euro u erba' centezmi (€25.04) in konnessjoni mar-relazzjoni tas-*Scene of the Crime Officer* PS 826 Matthew Parnis, liema spejjez jammontaw ghal total ta' mitejn u hamsin Euro u tlieta u sebghin centezmu (€250.73). Dawn l-ispejjez ghandhom jithallsu mill-hati fi zmien sena mil-lum, b'dan illi jekk il-hati jonqos li jhallas dan l-ammont jew parti minnu fiz-zmien lilu preskritt, l-ammont jew il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi priguneriја skond il-ligi.

Tordna d-distruzzjoni tal-affarijiet relatati mal-abbuz tad-droga, esebiti fl-atti, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi *process-verbal* li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Il-Qorti tirrileva u tigbed l-attenzjoni tad-Direttur tal-Habs illi huwa ferm importanti illi l-hati jinghata l-ghajnuna kollha possibbli u l-kura necessarja sabiex jirrijabilita ruhu mill-vizzju tad-droga, inkluz billi jinghata l-opportunita` li jsegwi programm ta' rijabilitazzjoni minn dan il-vizzju.

Tordna illi kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tal-Habs.

Natasha Galea Sciberras
Magistrat